# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-14 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 20**

**Avviz numru 843/01DM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Noel Celeste**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u seba' u ghoxrin liri maltin (Lm1827.00) import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited gia Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-31 ta' Jannar 2000, 28 ta' Frar 2000, 31 ta' Marzu 2000, 30 t'April 2000, 31 ta' Mejju 2000, 30 ta' Gunju 2000, 31 ta' Lulju 2000, 31 ta' Awissu 2000, 30 ta' Settembru, 2000, 31 ta' Ottubru, 2000, 30 ta' Novembru 2000, 31 ta' Dicembru 2000, 31 ta' Jannar 2001, 28 ta' Frar 2001, 31 ta' Marzu 2001, 30 ta' April 2001, 31 ta' Mejju 2001, 30 ta' Gunju 2001, 31 ta' Lulju 2001, 31 ta' Awissu 2001 u 30 ta' Settembru 2001

rispettivament (Dok. "A1 sa A21") flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l- effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2001 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li gew pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil PL Joseph Zammit prodott mill-bank attur u rat id-dokumenti esebiti, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf tmien mija sebgha u ghoxrin lira Maltin ghar-ragunijiet indikati fl-avviz; bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Frar 2001 mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li skadew wara din id-data, prevja l-prezentata fir-registru tal-kambjalijiet originali da parti tal-attur,

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va